# Mid-Dlam għad-Dawl

Joseph Muscat

*Salve, Sancte Paule*
*Salve, mundi lumen*
*Salve, vas electionis*
*Et Jesum ora pro nobis*

San Ġorġ Preca

## Ir-raba' taqsima

Din hi r-raba' u l-aħħar parti mis-sensiela ta' artikli dwar in-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Għalkemm fl-ewwel artiklu konna għedna li s-sensiela kollha tikkonsisti fi tliet partijiet għal xi raġunijiet, it-tielet wieħed billi kien xi ftit twil inqasam fi tnejn u hekk dan ir-raba' artiklu dwar Malta u Meleda qed jidher bħala l-aħħar artiklu fis-sensiela.

## Il-kwistjoni kollha

San Pawl wasal Malta u mhux Meleda! Qamet il-kwistjoni u daħlet Meleda fin-nofs billi l-kelma Melita tista' tfisser it-tnejn. Niftehmu, kienu jeżistu ħafna Melitajiet fil-qedem[1] u għalhekk ħarġu bosta proposti għat-tifsir ta' dik il-kelma. Melita tfisser Malta għax hemm analoġiji bħal ngħidu aħna ninfa marina, iqabbluha wkoll ma' Melissa jew Melitte li mill-Grieg tfisser naħal, Malet mill-Feniċi tfisser rifuġju li l-Griegi bidluh f'Melita forsi mħabba s-sbuħija tal-klima jew imħabba n-naħal jew l-għasel ta' Malta.[2] Ngħiduha mill-ewwel li hemm wisq iżjed awturi li jżommu li San Pawl ġie Malta u mhux Meleda.[3] Ftit ilu deher ktieb fil-Greċja li l-awtur tiegħu jidher ċar li qara biss naħa waħda tal-istorja, biżżejjed tagħti ħarsa lejn il-biblijografija tiegħu u tara li l-awtur jikkwota awturi Griegi biss.




**Mappa ta' Malta antika**

Ma nafx b'liema kriterju wieħed jasal jgħid li dak li qal Warneche, voldieri li Melita kienet iċ-Ċefalonia tallum bi proposta aċċettata minn kważi l-eżiġeti kollha.[4] Il-gżira ta' Melenia hija Mliet illum.[5]

Il-kwistjoni kollha jekk San Pawl ġiex Malta jew niżel f'Meleda ma qamitx qabel is-seklu għaxra[6] u sa dak iż-żmien la l-Griegi u lanqas il-Latini qatt iddubitaw li San Pawl ġie Malta. Kien l-Imperatur ta' Biżanzju Kostantinu VII Porphyrogenitus li fid-950 w.K. daħħal fin-nofs li Meleda fl-istudju tiegħu *De Admonistrando Imperio*.[7]

Il-prinċep Kostantinu kien it-tifel ta' Ljun VI magħruf bħala l-Filosofu u neputi tal-Imperatur Basilju. Dan Basilju stabilixxa r-razza Maċedona fuq it-tron ta' Biżanzju bil-qtil tal-avversarju tiegħu u hekk ta bidu għax-xiżma ta' Fozju li firdet il-knisja Griega minn dik Kattolika. Milli jidher l-idea ta' Kostantinu ma mxietx ħafna billi ma kienx magħruf li kellu xi ħila kbira fil-kitba u fil-ħsieb u barra minn hekk ix-xogħol tiegħu li semmejna kien fih ħafna żbalji.[8] Ta' min ikun jaf li l-idea tiegħu qatt ma mxiet fl-Ewropa sa ma fl-1730 ħadha f'idejh Giorgi.[9] Il-kitba ta' Giorghi Hi: *D. Paulus in mari, quod nunc Venetus sinus dicitur, naufragus, et Melitæ Dalmatensis, insulæ post naufragium hospes, auctore Ignatio Georgio, Benedictino*.[10]

Tieħu gost taqra li kien il-Malti Konti Ciantar l-ewwel li kiteb kontra Giorgi. Kien fl-1738 li l-kitba tiegħu dehret ġo Venezja u ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-ewlenin akkademiċi tal-Ewropa. Warajh insibu kotra ta' kittieba Taljani u oħrajn li komplew jiktbu kontra Giorgi. Iżda b'xorti ħażina l-abbati Ladvocat li kien il-biblijotekarju tas-Sorbona u l-Kanonku Vosgien żammew ma' Giorgi u l-inkwiet kompla jserrep.[11]

Mela, fl-1730 l-Abbati Benedittin Dun Ignazio Giorgi[12] kien li reġa' qajjem il-kwistjoni kollha. Dan Giorgi kien jgħix fil-monasteru ta' Veliko Jezero fuq Meleda u għalhekk kellu kull interess biex iżeffen fin-nofs il-kwistjoni ta' bejn Malta u Meleda.[13] Patri Giorgi ippubblika f'Venezja fl-1730 studju magħruf bħala *Ispezioni Anticritiche* u Kitto qalleb il-kitba ta' Abela u ta' Abela-Ciantar biex ikompli jeħodha kontra Giorgi. Wieħed ma jridx jinsa li Kitto ġie Malta fl-1825 biex jagħmel ir-riċerka tiegħu.[14] Meta Giorgi ħareġ il-kitba tiegħu kontra Malta ħareġ kontrih



San Pawl xogħol ta' Vince Mangani

qatta' bla ħabel il-Konti Giovanni Antonio Ciantar.[15] Minn dak iż-żmien 'l hawn deħru bosta awturi li fl-opinjoni tagħhom San Pawl niżel f'Meleda u mhux f'Malta fosthom hemm Beza, Bochart, Gratius, Westein, Falconer u oħrajn.[16] Jean Quintin li għamel rapport dwar Malta qabel mal-kavallieri ġew hawn, fost l-oħrajn, kien iżomm li San Pawl niżel f'Meleda u mhux f'Malta.[17]

Fl-1910 deher ix-xogħol tal-isqof titulari ta' Rodope, V. Palunko li bin-*Nihil Obstat* b'kollox reġa' qajjem il-kwistjoni kollha.[18] Kif wieħed jista' jara nibtet problema tassew kbira iżda bid-digriet ta' Benedittu XIV favur Malta jista' wieħed iserraħ rasu.[19]

Ma jistax wieħed iħalli barra t-tradizzjoni mill-qedem li torbot lil San Pawl ma' Malta. Il-bajja ta' San Pawl il-Baħar hi marbuta man-nawfraġju.[20] Il-monumenti li jfakkru f'San Pawl huma ħafna waqt li f'Meleda ma ssib kważi xejn.[21] Il-bosta postijiet fil-gżejjer Maltin marbutin u jfakkru f'San Pawl ma tistax ma tagħtix każhom.[22]

Palunko ibbaża t-testi tiegħu favur Meleda fuq dawn il-punti prinċipali, voldieri, ir-riħ, il-baħar, il-lifgħa, il-gżira, il-barbri, u l-kesħa. Hu jgħid li:

Ir-riħ li għamel kien mix-xlokk u mhux mill-grigal;

Il-baħar kien dak Adrijatiku li jieħu għall-Golf ta' Venezja;

Il-lifgħa velenuża fuq Malta qatt ma eżistiet;

Il-gżira li tissemma' fl-Atti ma kenitx magħrufa mela kienet Meleda u mhux Malta li minn dejjem kienet magħrufa;

Il-barbri kienu dawk ta' Meleda u mhux il-Maltin;

Il-kesħa li għamlet tindika l-art ta' Meleda u mhux Malta li dejjem kellha temperatura aħjar.[23]

Dwar ir-riħ ngħidu li kieku kien mix-xlokk il-maltempata ma kenitx ittul wisq iżjed minn tliet ijiem kif soltu jiġri fil-Mediterran. Palunko assuma li kien riħ xlokk il-ġranet kollha minn Kreta sa Malta.[24]

Il-baħar li jissemma bħala Adrijatiku kien dak ta' bejn il-Greċja, l-Italja u l-Afrika.[25] Billi fl-Atti jissemma' l-baħar ta' Adrija, Giorgi u sħabu qabdu ma' dik il-kelma u fissruha li l-ġifen daħal fil-Golf ta' Venezja f'dak li llum insejħulu l-Baħar Adrijatiku. Iżda fl-antik ma kienx hekk għax kien jiġbor fih u jissejjaħ Baħar tal-Adrija.[26] Barra l-Golf ta' Venezja, kien hemm il-Baħar Joniku, il-Baħar ta' Sqallija u dak ta' Kreta.[27] Mela billi fil-qedem l-Adrijatiku kien jasal sal-Libja, il-Peloponisi u Kreta, Malta kienet fl-Adrijatiku.[28]

Il-lifgħa kienet bħal serp żgħir qisu lifgħa iżda bla velenu. Jista' jkun ukoll li San Pawl farfar il-lifgħa qabel ma gidmitu.[29] Il-kwistjoni tal-lifgħa kienet l-aqwa prova ta' Palunko.[30] Iżda mhux ħaġa kbira li l-lifgħa kienet velenuża u llum mhix, meta nafu li l-fawna tinbidel tul iż-żmien minħabba l-indħil tal-bniedem; hekk ġara f'postijiet oħra.[31] L-istess ħaġa jgħid Conte Gatto li billi f'Malta kien hawn taqlib ta' siġar, il-flora u l-bqija, il-lifgħa u s-serp tilfu



Taqlib fl-ajru




Il-Baħar Adrijatiku



San Pawl fuq Malta

l-velenu.[32] Il-lifgħa f'Meleda hi velenuża għalhekk Palunko saħaq ħafna li San Pawl niżel hemm u mhux f'Malta. Iżda Smith[33] ikompli jispjega kif minħabba t-tibdil tas-siġar isir tibdil ukoll fil-fawna. Ta' min ikun jaf li l-lifgħa li qabdet ma' id San Pawl kienet waħda magħrufa bħala *coronella austriaca* li għalkemm tixbaħ il-lifgħa però ma kenitx velenuża.[34]

Il-gżira ma għarfuhiex għalkemm kien sebaħ.[35] Meta ħlisna mill-għarqa sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta.[36] Nisthajjel li l-baħħara kienu għadhom ma ġewx f'sikkithom sew meta kmieni filgħodu raw l-art allura kif setgħu jagħrfuha. Ta' min ikun jaf li forsi Malta qatt ma kienet fuq xi rotta tal-qamħ magħrufa.[37] Għalhekk il-baħrin m'għarfuhiex! Il-bastimenti tal-qamħ li kienu jgħaddu f'Malta kienu dawk biss li jħottu l-qamħ f'Malta. Wieħed jinduna li l-postijiet l-oħra kollha li jsemmi San Luqa kienu kollha magħrufin sew mill-baħħara għax kienu fuq ir-rotta tal-bastimenti tal-qamħ li minn Lixandra jbaħħru lejn Ruma. Palunko jgħid li waqt li Malta kienet magħrufa sew mill-kittieba klassiċi, ma kenitx hekk magħrufa mill-baħħara.[38]

Malta kienet wisq iżjed magħrufa minn Meleda[39] għalkemm din kienet bejta tal-pirati u forsi magħrufa sew mal-baħħara iżda biex iżommu 'l bogħod minnha. Malta sa mill-qedem kienet imfaħħra u msemmija wisq qabel ma San Pawl rifes fuqha. Kittieba antiki minn dejjem faħħru l-għasel Malti, ix-xogħol tal-qoton,[40] il-warda Maltija u l-kelb Malti. Iżda għaliex, ngħidu aħna, hadd qatt ma semma' l-ġebla mediċinali u s-sriep mingħajr velenu? Dawn bdew jissemmew wara l-miġja ta' San Pawl f'Malta. Dawn iż-żewġ privileġġi għaliex ma semmihomx San Luqa? Iżda aħna nafu li l-Evanġelisti ħallew barra wkoll mill-kitba tagħhom bosta affarijiet li għamel u qal Ġesù![41]

Il-barbri li jissemmew fl-Atti kienu dawk kollha li ma kienux jitkellmu bil-Grieg jew bil-Latin.[42] Mela skont Palunko San Pawl wasal Meleda għax in-nies t'hemm kienu jitkellmu bil-lingwa tal-Illiri u mhux bil-Grieg jew bil-Latin.[43] Dan hu l-istess argument ta' Giorgi.[44] Wieħed ma jistax jinsa li l-ewwel nies li ltaqgħu ma' San Pawl u sħabu hekk kif messew l-art kienu dawk il-Maltin li kienu joqogħdu fil-qrib tax-xatt u dawk kienu differenti minn dawk li kienu joqogħdu fl-Imdina. Tax-xatt kienu jitkellmu bil-lingwa tal-Feniċi u għalhekk issejħu barbri.[45] L-aġġettiv barbri hu xi ftit ikraħ iżda wieħed irid iżomm f'moħħu li dak jindika biss li l-Maltin la kienu jitkellmu bil-Grieg u lanqas bil-Latin.[46] Ma ninsewx ukoll li Malta taħt ir-Rumani kienu tħallew xi Griegi fiha.[47] Bres isemmi li kienu barbri dawk li ma jitkellmux bil-Grieg jew bil-Latin iżda f'Malta kien għadu jintuża wkoll il-Puniku. Min-naħa l-oħra f'Meleda jekk kien għad baqa' xi ħadd kien jitkellem bil-Grieg u mhux bil-Puniku.[48] Il-Maltin barbri jew hoi Barbaroi kienu jinkixfu mid-diskors tagħhom li fih kien jinstema' ħafna speċi ta' ħsejjes ta' bar-bar-bar minn dawk li ma jifhmuhx.[49]



Il-Ġifen tal-qamħ jitkisser

Il-kesħa li tissemma flimkien max-xita li għamlet meta San Pawl niżel l-art kompliet għarrqet is-sitwazzjoni tan-nies li kienu fuq il-ġifen tal-qamħ. Palunko[50] għamel eloġju dwarha u qal li mela l-Melita li tissemma kienet Meleda u mhux Malta għax f'Meleda tagħmel ħafna kesħa. Iżda forsi nesa jgħid li tqabbad in-nar biex in-nies barra li jisħnu jnixxfu wkoll ħwejjiġhom.

Ir-riħ li nefaħ meta l-ġifen kien qed ibaħħar taħt ir-riħ ta' Kreta kien bix-xlokk li ma setax dam wisq iżjed minn tliet ijiem. Iżda f'daqqa waħda qam riefnu bil-grigal li beda jonfoħ min-naħa tal-gżira. Hu



Jgħumu lejn l-art

magħruf li l-irjieħ l-iżjed komuni li jaħkmu fuq Kreta fix-xitwa huma dawk tal-grigal.[51] Palunko għamel l-analiżi tiegħu tar-riħ u baqa' jsostni li kien dak tax-xlokk - u għal erbatax-il jum? Ma nafx kemm wieħed jista' jżomm ma' dan il-ħsieb!

## Il-post tan-nawfraġju

Saret kemm-il proposta dwar il-post fejn tfarrak il-ġifen ta' San Pawl ibda minn Marsaxlokk[52] u tibqa' tiela sa San Pawl il-Baħar biex ma nsemmux ukoll il-Marsalforn f'Għawdex. L-iżjed post li ġibed miegħu tradizzjoni twila kien il-Mistra lejn Għar Fekruna.[53] Kollox hu ibbażat fuq din il-kelma *ditalasson* li tfisser ilsien blat bil-baħar fuq kull naħa - ħaġa naturali ħafna għax kieku ma jkunx ilsien blat. Issa, sew f'Malta kif ukoll f'Meleda jinsabu bosta ilsna ta' blat ħerġin 'il barra fuq il-baħar.[54] Smith li jsemmi l-Mistra jagħti bosta raġunijiet għal għażla ta' dak il-post. Dak kien post bil-blat u għalhekk tefgħu erba' ankri għax beżgħu li jitkissru mal-blat. Kien hemm daħla bir-ramel u l-post kien bejn żewġ ibħra għax għandek naħa waħda l-Wied tal-Mistra u l-post in-naħa l-oħra fejn tradizzjonalment tfarrak il-ġifen. Fuq kollox hemm il-Gżejjer li għadhom ifakkru f'dik il-ġrajja.[55] L-istatwa ta' San Pawl ta' fuq il-Gżejjer ta' Selmun kien ħa ħsiebha s-Sur Salv Borg u l-ispejjeż ħariġhom biċċa minn butu u biċċa mill-ġbir.



Ikona ta' San Pawl minn Vince Mangani



San Pawl jitqabad mal-mewġ

Ħalli nagħtu daqqa t'għajn lejn l-aħħar mumenti qabel mal-ġifen tal-qamħ daħal fuq l-art. Il-baħħara ħassew li kienu resqin lejn l-art - jien naf, forsi kien is-sens tax-xamm tagħhom, forsi riħa min-naħa tal-art, il-ħoss tal-baħar hu u jitkisser mal-blat. Ma kien jidher xejn, kien dlam ċappa ta' nofs il-lejl! Jekk



Bajja San Tumas – il-Munxar



San Pawl u shabu fuq Malta

inżommu li l-ġifen daħal għal San Pawl il-Baħar allura dan li għedna jispjega kollox. Jekk kienu resqin mil-Lvant kienu biss kwart ta' mil 'il bogħod mill-Qawra.[56] Fid-dlam int u dieħel il-Qawra l-art hi kollha baxxa, bilkemm tkun tidher fid-dlam. Tara żgur il-mewġ jitkisser mas-sikek ta' dik in-naħa. Ħalli għall-grigal hu u jonfoħ dik in-naħa kif il-baħar jitkisser bi ħsejjes kbar mal-blat. Tkun tista' minn kwart ta' mil bogħod tara l-mewġ jogħla u jitkisser bla ma tara l-art.[57] Ngħidu li l-ġifen resaq lejn l-art ftit 'il bogħod mill-Qawra, dar magħha u feġġ San Pawl il-Baħar. Is-Salini nħalluha barra billi minn dejjem jidher li kellha qiegħ bir-ramel jew bil-ħama. Quddiemhom il-baħħara raw il-Gżejjer li baqgħu msejħin ta' San Pawl. Billi nafu li t-tbaħħir kien perikoluż bil-pruwa n-naħa tas-sinistra jew tax-xellug thares lejn il-blat, il-baħħara tal-ġifen tefgħu erba' ankri; minn hekk ma kien baqa' xejn x'jagħmlu! Il-ġifen baqa' miexi bil-mod bil-qlugħ iż-żgħir ta' quddiem jew dak tal-artimun u, jew tkisser in-naħa tal-Gillieru jew baqa' sejjer lejn il-Gżejjer ta' San Pawl u tkisser mal-blat tal-Mistra[58] jew ta' Għar Fekruna.[59] Meta Caruana[60] ġie biex jagħti l-post fejn tkisser il-ġifen tal-qamħ, voldieri tal-Mistra bħala l-iżjed probabbli u ma baqax lura milli jsemmi l-ħin ukoll tal-inċident, sar bejn is-sebgħa u nofs u t-tmienja u nofs ta' filgħodu! Isemmi wkoll il-post magħruf bħala s-Sarġ bil-Mistra[61] naħa waħda u Tal-Miġnuna u l-Irdum il-Bies max-xellug.[62] Illum għandna min qed jissuġġerixxi li n-nawfraġju sar in-naħa ta' Marsaxlokk mas-sikka tal-Munxar.[63]

Bla dubju ta' xejn hu ftit diffiċli li jinsab xi fdal tal-ġifen billi ma nafux bi żgur il-post eżatt fejn tkisser.[64] B'danakollu ingħataw xi postijiet fejn probabbli seħħ in-nawfraġju.[65] Issa hu magħruf li sa mill-qedem il-baħħara kien jżommu f'moħħhom xi bini prominenti hekk kif jersqu lejn l-art li jindikalhom il-post fejn iridu jidħlu. Fost l-oħrajn kienu jagħtu kas ukoll ta' xi torri, għoljiet, bini antik jew is-siġar kbar li jfakkruhom fid-destinazzjoni tagħhom.[66] Il-baħħara tal-ġifen Lixandrin ma raw xejn għalhekk ma setgħux jagħrfu l-art; kien id-dlam ukoll! Iżda lanqas mas-sebħ ma ndunaw fejn kienu.

Belloni bil-pinna poetika tiegħu jpinġi stampa ta' San Pawl u sħabu fil-baħar resqin lejn l-art. Pawlu mqabbad ma' biċċa travu oħxon li l-mewġ kisser mill-poppa tal-ġifen, kien hemm ukoll imqabbdin magħha min-naħa l-waħda Trofimu u Luqa kienu n-naħa l-oħra. Mal-pinnur il-kbir tal-ġifen hemm issib jistrieħ fuqu lil Cresente Aristarku. L-ebda biża' ma qabadhom billi Pawlu rawħ iserrħilhom rasħom għax hu kien il-kumpan u l-iskorta tagħhom.[67]

Prova oħra li tissemma favur Malta hi li l-ewwel art li tissemma kienet Melita voldieri Malta. Kieku resqu lejn Meleda kien ikollhom isemmu lill-kosta ta' Ottranto min-naħa l-waħda u l-muntanji ta' Acroceraunian min-naħa l-oħra.[68] Kien hemm ukoll Brindisi, Taranto u Cotrone barra Otranto[69] qabel ma tara l-Meleda.[70] Bres jibbaża l-prova tiegħu favur Malta billi juri kif id-deskrizzjoni li jagħti San Luqa taqbel mal-formazzjoni tal-blat kif issib f'Malta u mhux f'Meleda. Wara erbatax-il ġurnata ta' maltemp hekk kif sebaħ il-baħrin raw art b'xatt magħha u mhux muntanji kif issib f'Meleda.[71] L-affari tal-*ditalasson*, voldieri ilsien blat bil-baħar miż-żewġ naħat kienet komuni sew f'Malta kif ukoll f'Meleda. Giorgi jgħid li l-ġifen tal-qamħ kien sfurzat jidħol fil-Golf ta' Venezja jew fl-Adrijatiku. Iżda nistaqsu aħna għaliex ma ndirizzawx il-ġifen lejn Taranto, Brindisi jew xi port ieħor aħjar minn Meleda u qabel ma resqu 'l hemm?[72]

Kollox jindika li l-ġografija tpoġġi lil Malta u mhux lil Meleda bħala l-art tan-nawfraġju.[73] Min-naħa l-oħra qatt ma rajt daqshekk ta' tiġbid ta' idejat f'Palunko fit-tifsir tal-ġografija u tal-irjieħ. Il-vjaġġ lura lejn Ruma skont kull raġuni f'lokha, iċ-ċenturjun kien jaqbillu jħaffef billi jikri bastiment minn Brindisi fejn hemm kienet tispiċċa l-famuża *Via Appia*, kieku l-ġrajja tan-nawfraġju seħħet f'Meleda. Terġa', minn Meleda għall-Pozzuoli wieħed ma kellux għalfejn jgħaddi Sirakuża għax wieħed seta' jgħaddi b'mod eħfef minn Reggio. Giorgi jaqbeż u jgħid li forsi fl-Adrijatiku kien hemm xi Sirakuża oħra. Iżda dan x'raġunar hu meta l-ebda kittieb tal-qedem qatt semmiha![74] Nafu li Meleda kienet diżabitata fi żmien San Pawl billi Cesari Awgustu keċċa lil kulħadd minnha bi dritt ta' gwerra billi kienet bejta tal-pirati.[75] Nafu wkoll bil-pjaga tal-piraterija fil-Mediterran għal bosta snin. Kien Ottavjanu li organizza l-flotta Rumana biex qered il-pirati mill-Mediterran, fost l-oħrajn battal lil Meleda min-nies tagħha.[76] Allura kif ippretenda Palunko li

n-nies li kienu fi ħsieb iċ-ċenturjun joqogħdu għal tliet xhur fi gżira deżerta bħal dik![77] Mur ara kif kont ser issib 'prinċep tal-gżira' f'post bħal dak![78]

## Il-Maltin f'xatt il-baħar

Dawk il-ftit Maltin li marru jilqgħu lin-nawfragi mhux bilfors li kienu jgħixu f'dawk l-inħawi. Huwa fatt magħruf li sa mill-qedem hekk kif jitfaċċa fuq ix-xefaq bastiment li juri sinjali ta' emerġenza u riesaq lejn il-blat u mhux lejn xi port, tiġri l-aħbar fost in-nies u taraħom imorru f'dawk l-inħawi biex jaraw ikunux jistgħu jiddubbaw xi ħaġa mit-tifrik ta' ġifen. Nafu li nawfraġju kien jipprovdi proviżjon għall-bastimenti oħra u għal min jinzerta joqgħod fil-post fejn ikun tkisser bastiment.[79] Fl-antik kont tiltaqa' ma' nies ta' qattgħani, vagabondi u ħallelin li kont issibhom minn ta' quddiem fix-xtut fejn ikunu tkissru xi bastimenti biex jipprofittaw ruħhom mid-diżgrazzi ta' ħaddieħor.[80]

Nafu li r-Rumani kellhom liġijiet ħorox għal min kien jinqabad jisraq minn xi bastiment imkisser fuq il-blat. Biż-żmien f'Malta saru liġijiet kontra min kien jisraq minn xi ġifen imkisser. Kien hemm żmien meta kienu jitħallew għases ma' xi ġifen bħal dan.[81] Il-liġi ta' Malta fi żmien il-kavallieri kienet tgħid li kull fdal ta' nawfraġju jsir propjetà tal-Gran Mastru jekk sa tliet ijiem mid-diżgrazzja l-padrun tal-ġifen ma jidhirx biex juri li hu l-proprjetarju tiegħu.[82] Serq min-nawfraġji baqgħu jsiru f'Malta u f'Għawdex u ħafna drabi kienet tindaħal ukoll is-Sanità mħabba l-biża' li xi oġġetti jistgħu jkunu infettati u hekk iġibu l-mard magħhom.[83]

Jekk il-ftit Maltin li resqu lejn ix-xatt fejn seħħ in-nawfraġju tal-ġifen tal-qamħ kellhom f'rashom li jdabbru rashom minn xi provizjon li jkunu jistgħu jiġbru mill-baħar jidher li malajr biddlu fehmithom. Il-Maltin kien ilhom għal xi ħin josservaw il-ġifen tal-qamħ riesaq lejn ix-xatt.[84] Qalu li l-ġustizzja ma ħallietux jgħix lil San Pawl wara l-gidma tal-lifgħa. Jista' jkun li dawk il-Maltin kienu jemmnu f'alla Dike imsemmija fil-mitoloġija Griega.[85] Wara li raw lil San Pawl qawwi u sħiħ wara l-gidma tal-lifgħa ħasbuh Ercole Ophioctono alla li kien joqtol is-sriep.[86] Ma ninsewx li l-Maltin dak iż-żmien kienu jemmnu f'bosta allat.

Ma setgħux dawk il-Maltin li laqgħu lil San Pawl kienu iżjed minn ftit tużżani. Palunko ħareġ bl-idea li waqt li f'Meleda kien hemm madwar 2025 ruħ f'Malta kien hemm 160,000; minn fejn ġab dik il-figura ħadd ma jaf.[87]



San Pawl ifarfar il-lifgħa fin-nar

## Għawdex

Issib min iżomm li San Pawl niżel f'Marsalforn l-ewwel.[88] Li San Pawl mar Marsalforn f'Għawdex li jsemmi l-Kanonku Agius Sultana ma ssib l-ebda indikazzjoni topografika li issostniha.[89] L-Għawdxin, isostnu xi wħud, ħaddnu t-twemmin Nisrani qabel il-Maltin.[90] Għalkemm ikkonvertew mill-ewwel iżda jidher li kien baqa' hemm xi qima lejn l-allat, Giorgi jgħid li nstabet f'Għawdex kitba li turi li ma kienx hemm Insara f'Għawdex.[91] Ġann Franġisk Bonamico jsemmi li nstema' San Pawl jippriedka minn l-Imdina.[92] F'Marsalforn tinsab knisja bħala tifkira ta' San Pawl f'Għawdex.[93] Il-Ġiżwita Ottavio Caietano jgħid li kienu n-Naxxarin l-ewwel li saru Nsara u l-ewwel li tgħammdu.[94]

## Il-Grotta ta' San Pawl

Il-grotta ta' San Pawl hi l-ikbar xhieda tal-miġja tiegħu f'Malta fis-sena 60w.K.[95] Il-Kanonku Dun Giovanni Gatt Said rettur tal-Kolleġġjata tal-Grotta ta' San Pawl ried jgħid li l-Knisja Proto-Katidrali ta' Malta sal-aħħar tar-raba' seklu kien il-Grotta ta' San Pawl.[96] Dan il-Kanonku Gatt Said baqa' bl-idea fissa li l-ewwel Katidral ta' Malta kien fuq il-Grotta.[97] Il-Katidral kien iddedikat fil-bidu lill-Madonna; wara t-tkeċċija tal-Għarab iddedikawh lil San Pawl.[98] Hawn nistaqsu, il-grotta x'kienet ħabs jew għar komuni, wieħed mill-ħafna li kien hemm dik in-naħa ta' barra s-swar tal-belt Rumana? Jekk kien ħabs Ruman kif jista' jkun li l-ewwel Insara qabdu u għamluh tagħhom?[99] Biex tkompli titħawwad il-kobba, Bres isemmi l-Grotta u l-Katakombi bħala post wieħed. Iżda aħna nafu li l-katakombi lanqas biss kienu tħaffru fi żmien San Pawl.[100]

Ngħidu li mhux kull Malti ħaddan il-kristjaneżmu mxandar minn San Pawl; fil-fatt kien għad fadal l-allat foloz u tempji għalihom żmien wara li San Pawl ħalla Malta.[101] Nafu li l-ġebla tal-grotta kienet imsemmija ħafna.[102] L-Insara minn żmien imbiegħed kienu jaqtgħu mill-ġebla tal-grotta, jixħtuh ġol-ilma u jekk jixorbu minnu l-migdum minn xi lifgħa jew



"Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini"
(San Pawl f'ittra lill-Filippin 4, 13)



San Pawl xogħol Anton Agius

minn xi kelb irrabjat jew ikun maħqur b'xi marda jfieq. Issa hemm il-provi kollha li għalkemm jinqata' blat minn din il-grotta dejjem baqgħat ta' qies wieħed!

Il-knisja ta' San Pawl inbniet fl-1569, mela qabel x'kien hemm għax il-grotta kienet żgħira wisq.[103] Jekk nimxu mat-tradizzjoni storjografika nsibu li San Pawl la jsemmi priedki jew konverżjonijiet u lanqas magħmudijiet.[104] Iżda nafu bil-karattru ta' San Pawl li ma kienx jitlef żmien biex jibda jxandar lil Ġesù. Hu magħruf li ma nstab l-ebda dokument bil-miktub dwar il-Kristjaneżmu f'Malta qabel is-seklu erbgħa.[105] Malta kienet ilha taħt ir-Rumani għal 200 sena meta ġie San Pawl f'Malta iżda b'danakollu kien baqa' l-qima lejn xi divinità femminili tal-fertilità u tal-art bħalma nstabu fdalijiet



Statwa ta' San Pawl fi Triq Old Doni

f'Ras il-Wardija u Kerċem bi tradizzjoni Feniċja u Punika.[106] Dun Karm bil-ħila poetika tiegħu jgħid li ma' kullimkien waqa' r-rit pagan; ma' kullimkien twaqqaf ir-renju ta' Kristu bħallikieku l-Maltin kollha ikkonvertew f'salt wieħed.[107] San Ġwann Grisostmu u San Girgor il-Kbir[108] jgħidu li l-Maltin ikkonvertew għall-Kristjaneżmu fi żmien bikri u wara li San Pawl telaq minn Malta kien baqa' xi paganeżmu.[109] Belloni jgħid li ftit kien baqa' f'Malta idolatri u nies ħżiena.[110] Mill-fatt li l-Maltin taw lil San Pawlu u lil sħabu kulma kellhom bżonn hu sinjal li hu xandar l-Evanġelju f'Malta. Ma ninsewx li mill-Atti, il-qsim tal-ġid materjali kien simbolu tal-qasim fl-Evanġelju.[111]

## San Trofimu

Jidher li San Trofimu ġie f'Malta u kompla x-xogħol li kien beda San Pawl. Abela[112] biex jeħodha kontra Giorgi jgħid li San Trofimu marad u baqa' f'Malta waqt li kittieba oħra jgħidu li marad f'Miletu. San Trofimu seta' marad f'Malta iżda seta' mar ma' San Pawl fi Spanja u wara baqa' f'Arles bħala isqof tal-post.[113] San Trofimu hu iżjed marbut ma' Arles milli ma' xi pajjiż ieħor. Mela nafu li marad, tħalla Malta, wara li fieq mar Ruma u ssieħeb ma' San Pawl. Hu kien minn Efesu u nafu għax San Pawl daħħlu fit-Tempju u qamet rewwixta kontrih. San Pawl meta kiteb lil Timotew f'Efesu qallu li kien ħalla lil Trofimu marid f'Miletu. Tradizzjoni twila tgħid li San Trofimu laħaq isqof ta' Arles. Issa billi l-verżjoni Griega, Sirijaka u Arabika jsemmu Mileto dan l-isem inbidel f'Melita jiġifieri Malta bħal mhemm fil-Vulgata, wkoll. Ħafna drabi fil-kittieba klassiċi, fil-muniti u fl-iskrizzjonijiet Mileto jfissruha bħala Melita; dan issibu wkoll f'San Girgor il-Kbir u f'Beda.[114] Ġiovann Franġisk Abela waqqaf fl-1627 fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fil-Belt artal għal unur ta' San Trofimu, in-naħa tax-xellug hekk kif tidħol mill-bieb prinċipali. Hemm tidher ukoll lapida tal-irħam li tfakkar lill-qaddis. Insibu wkoll kappella



Statwa tal-ġebel fi Triq Għeriexem

iddedikata lil San Trofimu fil-Grotta ta' San Pawl u x-xbiha tiegħu tidher f'bassoriliev tal-ġebel.[115]

Bdiet issir il-kommemorazzjoni ta' San Trofimu fil-quddiesa u fl-offiċċjatura. F'Malta fl-1890 is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti għolliet il-qima lejn il-qaddis għal rit doppju maġġuri u fl-20 ta' Novembru 1889 San Trofimu ingħata jum għalih fil-kalendarju Djoċesan, voldieri, il-Ħadd fl-Ottava tal-festa ta' Konverżjoni ta' San Pawl.[116]

Fl-20 ta' Novembru 1889, wara talba tar-Reverendu Kapitlu tal-Katidral bdiet issir il-Kommemorazzjoni ta' San Aristarku, quddiesa u offoċċjatura fid-Djoċesi ta' Malta fit-30 ta' Ottubru u wara l-festa ġiet mgħollija għal rit doppju maġġuri b'digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti.[117] Aristarku kien mill-Maċedonja tat-Tessalonika.[118] Il-festa ta' San Aristarku Isqof ta' Tessalonika kienet issir fit-3 ta' Awwissu.[119]

Missier Publiju, Albin kien miżmum fuq wiċċ l-idejn mill-Maltin kollha[120] waqt li Farrugia jgħid li kien Refanu.[121]

## San Publiju

It-tradizzjoni żżomm li Publiju il-*ho protos* jew l-ewlieni tal-Gżira,[122] kien l-ewwel isqof ta' Malta.



Statwa tal-fidda, kunvent ta' Ġieżu

Hu laqa' bil-qalb lil San Pawl u kellu kuntatt kbir miegħu. Jingħad li dam isqof ta' Malta għal 31 sena voldieri mis-sena 59 sas-sena 90 w.K. Hu kellu l-palazz tiegħu fl-Imdina u hemm inbena l-Katidral kif tixhed l-iskrizzjoni li tinsab fuq il-bieb prinċipali tiegħu. Fis-sena 90 w.K. intbgħat Ateni bħala isqof flok Dionigi li ħa f'idejh dik li llum ngħidulha Pariġi. Publiju dam isqof ta' Ateni għal 35 sena sakemm laħaq l-Imperatur Adrijanu. Fis-sena 125 w.K. Publiju ġie mitfugħ f'ħalq l-iljuni u miet martri għal Ġesù. F'Malta nsibu l-Knisja ta' San Publiju fir-Rabat tagħmel mal-Knisja tal-Parroċċa waqt li nsibu wkoll il-Knisja Parrokkjali tal-Furjana iddedikata għalih, ukoll, San Publiju huwa meqjum bħala wieħed mill-protetturi ta' Malta.[123]

## Festa

Belloni li kiteb fl-1875 isemmi li l-kommemorazzjoni tan-Nawfraġju ta' San Pawl tkun iċċelebrata fl-10 ta' Frar.[124] Micallef de Caro ħalla miktub li ma jistax jifhem kif il-ġrajja tan-Nawfraġju, voldieri l-10 ta' Frar, ħadet tant żmien biex issir festa kmandata meta f'Malta kellna festi bħax-xita.[125] Fil-kalendarju Ruman l-10 ta' Frar kien jikkommemora lil Santa Skolastika. Sew l-10 ta' Frar kif ukoll l-10 ta' Mejju, li din id-data kienet tfakkar it-tluq ta' San Pawl minn Malta, ma kontx issibhom la fil-martiroloġju u lanqas fil-kalendarji tal-missal, iżda l-Kolleġġjali tal-knisja ta' San Pawl il-Baħar kienu jagħmlu l-kommemorazzjoni tagħhom.[126] Ta' min jgħid li kienu ftit dawk li taw importanza lit-tluq ta' San Pawl minn Malta. Mhemmx tagħrif dwar il-bidu tat-tradizzjoni Pawlina marbuta ma' Bormla. Żgur li din daħlet fi żmien modern meta l-qima lejn San Pawl daħlet sewwa u rabbiet l-għeruq f'Malta. Il-ġifen tal-qamħ li għadda x-xitwa f'Malta seta' rabat fil-Marsa fejn kien hemm Port Ruman jew fid-daħla ta' bejn il-Birgu u l-Isla. Il-knisja ta' San Pawl f'Bormla hi xhieda li hu mbarka fuq il-ġifen



Il-Ġifen tal-qamħ kif seta' kien minn ġewwa

tal-qamħ li kien ankrat hemm fil-qrib.[127] Sal-1693 il-festa ta' San Pawl kienet tkun iċċelebrata fil-25 ta' Jannar, festa tal-Konverżjoni tal-qaddis.[128] Fil-31 ta' Awwissu 1793 twaqqfet il-festa ta' San Pawl bl-offiċċjatura u l-quddiesa propja. Fit-2 ta' Settembru 1795 il-festa għollewha għal rit doppju tal-prima klassi bil-preċett tas-smigħ tal-quddies u l-waqfien mix-xogħol servili iżda biss għall-Belt u l-Furjana; wara l-festa għollewha għal rit doppju minuri għall-bqija tad-Djoċesi. Fit-13 ta' Ġunju 1888 il-festa ta' San Pawl saret obbligatorja għad-djoċesi kollha bis-smigħ tal-quddies u l-waqfien mix-xogħol servili.[129] Ta' min jgħid li l-festa tat-tluq ta' San Pawl minn Malta kienet issir fis-27 ta' Mejju fil-Knisja ta' San Pawl il-Baħar dik ta' fejn il-Gillieru, mill-Kanonċi Kolleġġjali tar-Rabat.[130]

Il-ġifen tal-qamħ li salpa minn Malta, fil-pruwa naraw ix-xbieha tad-dijoskuri voldieri Castor u Pollux, it-tewmin li kienu jħarsu lill-baħrin.[131] Dawn Castor u Pollux li jgħid li jieħdu l-forma tal-ġabra tal-kwiekeb Gemini, kienu jidhru bħala s-sinjal ta' kalma wara tempesta u huma meqjusa bħala l-għassiesa tal-verità u dawk li jikkastigaw lil min jieħu ġurament falz.[132]

## Monument

San Pawl hu msejjaħ il-bniedem tal-Providenza u jekk forsi għal ftit pajjiżi żgur li kien għal Malta![133] Beda jidher sew il-kult f'Malta lejn San Pawl fit-tieni nofs tas-seklu sittax.[134] It-tradizzjoni ta' mijiet ta' snin favur il-miġja ta' San Pawl f'Malta hija konvinċenti ħafna u mhux għaqli min joqgħod imeriha jew jiċħadha.[135] Jekk għal xi żmien bdiet tissemma' Meleda bħala l-post tan-nawfraġju ta' San Pawl iżda llum mhemm l-ebda dubju li dik kienet idea żbaljata. Ma nistgħux ma ngħidux ma' Belloni li fost il-knejjes l-oħra kollha li waqqaf San Pawl dik f'Malta għada turi l-ħajja u s-sbuħija tagħha.[136] Tista' tgħid li urugan qerriedi għadda minn fuq il-knejjes li waqqaf San Pawl u li kienu għal żmien il-glorja tiegħu. Nafu li l-bedwini Musulmani waqqfu t-tined tagħhom fil-ġraden ta' Damasku li saret belt tal-kaliffi. Nagħtu ħarsa lejn Tarsu, Antjoka, Selewċja, Pafu u Salamina u tara li x-xogħol kollu tal-kruċjati ma sewa għal xejn. Ħares lejn il-fdal ta' Efesu li kienet ir-reġina tal-Anatolja u tara li saret art għall-merħliet tal-iġmla li jirgħu fiha. Perga, Listra, Attalia inbelgħu jew spiċċaw fil-ħakma tal-Mislem. L-Ikonju wkoll telaq il-fidi ta' Ġesù u tbaxxa quddiem is-slaten Selewċi. U xi ngħidu mis-Sirja, Pamfilja, Prisidja, Likaonja, Misja, Troas, Traċja, Ċiliċja li kienet il-patrija ta' Pawl, ħarġu minnhom is-suldati feroċi Misilmin għall-qerda tas-Salib u saru eżerċti tal-paxajiet Torok.

Il-Galati l-prediletti, daħlu fiċ-ċentru tal-imperu antikristjan per eċċellenza taħt l-insinja tan-Nofs Qamar, Filippi, Anfipoli, Apollonia u Berea llum huma tifkira biss tax-xogħol kbir li kien għamel San Pawl fihom. U l-għażiża Tessalonika waqgħet f'idejn Amurat minkejja d-difiża ta' Venezja; inqalbet f'għajn ta' rikkezza għal ulied il-Qoran. Korintu l-belt sinjura bejn żewġ ibħra, x'baqa' minnha? Ateni kollha rħam u arkitettura klassika, ġentili, kont tista' ssejħilha l-Pariġi tad-dinja ta' żmien Pawlu nqalbet u nfirdet mill-fidi ta' Pietru - minn Ruma! Malta u Ruma biss baqgħu marbutin ma' Pawlu.[137]

Palunko nnifsu jistqarr li f'Meleda mhemmx tradizzjoni ta' San Pawl.[138] Huwa jwaħħal fl-invażjonijiet tal-pagani u tal-pirati mill-ħames seklu 'l quddiem. L-aħħar pirati nqerdu mal-bidu tat-18-il seklu. Mela l-barbri qerdu t-tradizzjonijiet ta' San Pawl f'Meleda li tidher li hi skuża ta' Palunko għax minkejja l-persekuzzjonijiet, diffiċli teqred ir-reliġjon għal kollox minn qalb il-bniedem. Ara fi żmienna minkejja l-Komuniżmu, ir-reliġjon baqgħet tnemnem fil-pajjiżi maħkumin minnu. L-isqof Palunko mbagħad iwaħħal fil-baħħara ta' Meleda nfushom li billi kienu jiġu Malta speċjalment fis-seklu dsatax u jaraw il-qima u t-tifkiriet ta' San Pawl kienu jżommu li hu daħal Malta u mhux Meleda. Min jaf jekk hux il-każ li ngħidu li 'minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib nieħu t-tifħir!'



Mudell ta' ġifen tal-qamħ tal-ewwel seklu wara Kristu




Id-daħla ta' San Pawl il-Baħar u l-ponta tal-Qawra

Palunko ħadha wkoll qatta' bla ħabel kontra xi kittieba Meledani li kienu jżommu li San Pawl ġie Malta u mhux Meleda. Id-Duttur Giuseppe Stadler li kien Arċisqof ta' Sarajevo fil-Bosnia meta qaleb il-Bibbja fil-lingwa Kroata jikteb: Melita mhix Meleda iżda ċ-ċelebri gżira ta' Malta! Id-Duttur Rudolfo Vimer professur fl-Università ta' Zagabria jgħid ċar u tond li Pawl żbarka fuq Malta. Mil bogħod minn Cima f'Meleda qrib ir-raħal ta' Koriti, jgħid Palunko, li kien hemm art tal-knisja iżda kien baqa' minnha biss biċċa ħajt qadim ħafna dak li kien fadal minn knisja msejħa ta' San Pawl. Ma nafx xi prova tista' tkun din meta f'Malta u f'Għawdex għandna l-ġmiel ta' knejjes iddedikati lil San Pawl! Waqt li Palunko jagħmel referenza waħda biss għal biċċa ħajt li kien baqa' minn knisja, Mallia-Milanes kiteb ktieb sħiħ dwar il-knejjes u l-kappelli ta' San Pawl li jinsabu f'Malta u f'Għawdex.[139]

Il-Professur Vid Vuletic Vukasovic isostni li San Pawl daħal fil-Port ta' Chiave u hemm il-Meledani tawh il-ħobż tal-barli u l-inbid. Issa wieħed għandu jkun jaf li l-barli ta' Meleda huwa speċjali minħabba l-protezzjoni ta' San Pawl jgħid Palunko li għandu l-ħabta li jġib il-boċċa qrib il-likk. Innota li Vid isemmi l-Port ta' Chiave u mhux Cima. Din tal-aħħar kienet miżmuma minn Palunko bħala l-post fejn niżel San Pawl f'Meleda. Mela huwa ġabha li San Pawl telaq minn Chiave fuq il-ġifen Lixandrin u kien hemm li n-nies tal-post tawh il-ħobż tal-barli u l-inbid. U hekk Palunko ħaseb li ma kienx qed jeħodha kontra l-Professur Vid.

Biex bħallikieku Palunko juri li kien hemm tradizzjoni tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Meleda jsemmi l-'monument ħaj' li jeżisti f'dak il-post għax hemm tilaqa' mal-ismijiet ta' Pawlu u Pawla. Fi żmien dak l-isqof biżżejjed kont tgħid Pava (Pawla) jew Pavica (Pawlina) biex jgħidulek mill-ewwel din jew dik hi Meledana. U xi ngħidu għal aħħar 'monument' li jsemmi Palunko meta jgħid li bejn l-1635 u l-1652 kien hemm l-Isqof Stagno minn Meleda l-uniku isqof ta' Meleda li kien jismu Pawlu![140] Ma jidhirlix li għandi ngħid wisq dwar il-'monument ħaj' li jsemmi Palunko. Mur għodd, jekk tista' l-ismijiet ta' Pawlu, Pawla jew Pawlina, li ssib f'kull rokna tal-gżejjer Maltin! Jekk f'Meleda darba



Il-ġifen tal-qamħ armat bil-qlugħ kollu li seta' jġorr




Ikona ta' San Pawl minn Vince Mangani

kien hemm isqof jismu Pawlu f'Malta kellna iżjed minn wieħed u tallum hu Pawlu, ukoll.

Għal Malta nistgħu nsemmu tradizzjoni antikissima, kostanti u universali ħaġa li Giorgi qal li qatt ma kien hemm f'Meleda. U xi ngħidu għall-monumenti li jfakkruna f'Pawlu bħal knejjes, kappelli, altari u statwi kemm trid. Għandna l-festa tal-10 ta' Frar fil-Belt, id-*ditalasson* f'San Pawl il-Baħar, il-Knisja f'tal-Gillieru li reġgħet inbniet mill-Gran Mastru Wignacourt,[141] Għajn Rażul f'San Pawl il-Baħar,[142] il-Pwales li jfisser ta' Pawlu,[143] il-Katidral tal-Imdina iddedikat lil San Pawl, fil-Mellieħa nsibu l-kwadru tal-Madonna jew dak li fadal minn xogħol ta' San Luqa[144] u Burmarrad.[145] Dwar il-leġġenda ta' San Pawl Milqi nkiteb ħafna dwar dik il-Knisja.[146] Fi skavi li kien sar hemm instabet biċċa ġebla li fuqha kien hemm graffiti tal-mirkeb tal-qamħ, il-kelma *Paulus* u l-wiċċ ta' San Pawl. Ngħidu li l-ġebla mhix ta' min jorbot fuqha billi nstab li hi waħda tas-seklu dsatax u mhux ta' żmien in-nawfraġju.[147] Wieħed ma jridx iħalli barra n-nofs kolonna li fuqha ġiet maqtugħa ras San Pawl u li tinsab fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt.[148]

**Riferenzi**

1 Freller, T., *St Paul's Grotto and its Visitors*, (Malta, 1996), 19.
2 Belloni, 371.
3 Biex insemmu xi ftit hemm Atti 28:1, Smith, 177, 178; McKenzie, s.v. Melita; Belloni, 371; Bouquet, 99; Boismele, A., *Histoire generale de la Marine*, (Pariġi, 1744), I, 10; Bonanno A., *Malta Phoenician Punic and Roman*, (Malta 2005), 199; D'Amato, 417; Rohrbacher, Abate, *Le Vite Dei Santi*, (Firenze, 1863), I, 982; Abela, 233; Bottalla, 230; Martindale, 192. Ferris 26, 27 jsemmi ħafna awturi ta' piż li

jżommu ma' Malta u mhux ma' Meleda. Muscat, N. 17, jgħid li l-maġġoranza tal-istudjużi jaqblu li San Pawl ġie Malta. Ara wkoll *San Pawl f'Malta u l-formazzjoni ta' identità ta' nazzjon*, John Azzopardi u Anthony Pace edituri, (Malta, 2010), 104. Battistelli, 199.

4 Chatzifochi, L.I., L'Apostolo Paolo La Sua Vita e La Sua Missione, (Ateni, 2004), 134, 135. Hajr lil Joseph Zammit li għaddieli kopja ta' dan il-ktieb biex neżaminah.

5 Freller, 16 jgħid li Meleda hija Mljet tallum ara wkoll Muscat, N., San Pawl, 114.

6 Bres, 372; Bottalla, 232.

7 Muscat, N., *San Pawl*, 114; Bottalla, 233; Kitto 1751, 2, nota 27.

8 Ferris, 24.

9 Bottalla, 233, 234.

10 *Id. Ibid.*, nota 1.

11 Bottalla, 235. Jidher li l-Giżwita Bottalla għamel użu mill-*Melitensia* għax isemmi l-Ciantar u l-Bres bosta drabi.

12 Patri Giorgi miet ġo Venezja fl-1738, ara Farrugia, G., *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, (Malta, 1953), II, 4. Ma ninsewx li hemm lista sħiħa ta' awturi kontra Giorgi.

13 Muscat, N., San Pawl, 114; Il-gżira ta' Meleda, illum Mljet, tinsab ftit 'l barra minn Dubrovnik fil-Kroazja, li kienet tissejjaħ ukoll Ragusa. Ma ninsewx li l-Kongregazzjoni Cassinense kellha dominju fuq Ragusa, Bres, 373-375. Ara wkoll Micallef de Caro, C., *Missierna San Pawl*, (Malta, 1893), 71.

14 Kitto, 1751, 2, nota 27.

15 Bres, 373-375; Ferris, 26 ifaħħar ħafna l-kitba ta' Ciantar.

16 Kitto, 1751, nota 27. Freller, 16 isemmi wkoll lil Jacob Bryant; ara wkoll Smith XL VII, XL VIII.

17 Bonanno, 201.

18 Palunko, V., *Melita del Naufragio di S. Paolo è L'Isola Meleda in Dalmazia*, (Spalato, 1910), 9 *et seq*; Friggieri, O., Dun Karm *Il-Poeżiji Miġbura*, (Malta, 1980), 153, poeżija 54; ara wkoll *ibid.*, 467 nota 50.

19 Bres, 376. Faure, I, 212; Ferris, 30; Bottalla, 243.

20 Smith, XXXI.

21 Abela, 235.

22 Caruana, A.A., *San Publio Proto-Vescovo della Chiesa di Malta e Martire*, (Malta, 1896), 14, 15; Micallef de Caro. 73, 74.

23 Palunko, 9 *et seq*. Palunko ma kienx xi ħmar, tafux, għax fil-kitba tiegħu bit-taljan il-ħin kollu jikkwota bil-latin u bil-Grieg u jsemmi bosta kittieba tal-qedem; jidher li kien tassew erudit! Ħafna drabi jikkwota mill-edizzjoni Sirijaka tal-Bibbja, ara Palunko, 34, 37, 41.

24 Bottalla, 239. Martindale, 187, nota 14 isemmi l-Euroclydon, voldieri l-grigal jew iżjed preċiż E-N-E.

25 Galbiati, 291, Bottalla, 236, 237, Martindale, 189, nota 27.

26 Muscat, N. 15.

27 Caruana, A.A. *Frammento Critico della Storia Fenico-Cartaginese, Greco-Romana e Bisantina, Musulmana e Normanno-Aragonese delle Isole di Malta*, (Malta, 1899), 253-255; ara wkoll Smith, 162 *et seq*.

28 Bres, 404; Ferris, 14.

29 Barclays, Acts, 188.

30 Caruana dei Conti Gatto, V., *La Vipera Maltese in Relazione col Naufragio di S. Paolo considerazioni critiche*, (Malta, 1911), *Prefazione*.

31 Smith, 150 *et seq*; ara wkoll Formosa, G., *Gli Splendori della Carita Divina nel Provvidenziale Naufragio di San Paolo Apostolo in Malta*, (Malta, 1939), 61.

32 Conti Gatto, 21 *et seq*; ara wkoll Martindale, 192, nota 3.

33 Smith, 170. Saydon fl-Atti jsejjaħ il-lifgħa bħala bhima. Jaqblu ma' dan Martindale, 192, nota 4 u Knabenbauer, 443.

34 Palunko, 38, 39. L-argument ta' Bres, 402, jgħid li seta' kien hemm fil-qedem lifgħa velenuża iżda nqerdet biż-żmien jew bil-barka ta' San Pawl li neħħielha l-velenu. Muscat, N., 19.

35 Atti, 27:39.

36 Atti, 28:1.

37 Mercieca, S., fi *The Times*, Monday, April, 19, 2010, jikkwota lil Richman li jgħid li Malta kienet fuq ir-rotta tal-kummerċ tal-bastimenti Rumani tal-qamħ.

38 Palunko, 31 *et seq*.

39 Palunko, 40 43, jgħid li Meleda kienet fqira u selvaġġa. Hu jsemmi kemm-il darba l-faqar ta' Meleda.

40 Palunko, 35, jikkwota lil Vigouraux li jsemmi l-prosperità ta' Malta mħabba l-qoton tagħha.

41 Conti Gatto, 9 et seq. Bres, 399 jikkumenta dwar l-argument ta' Giorgi voldieri li San Luqa ma jsemmix postijiet oħra f'Malta bħal nghidu aħna portijiet, tempji u l-bqija. Mela San Luqa kellu f'moħħu li jikteb dwar l-istorja jew il-ġografija ta' Malta?

42 D'Adamo, 417, vers 1, nota; ara wkoll Abela, 237.

43 Palunko 35, 36. Malta kienet imsemmija mal-Ewropa kollha.

44 Conti Gatto, 31. Iżda Bres, 386 jgħid li f'Meleda kienu jitkellmu bil-Grieg iżda qatt bil-Puniku.

45 Bottalla, 237, 238. Conti Gatto, 34. Kitto, 1755, nota, jgħid li xi Maltin kienu jitkellmu bil-Grieg u oħrajn bil-Puniku.

46 *Bible et Terre Sainte*, 4, 5.

47 Palunko, 36.

48 Bres, 386. Bottalla, 237, 238 jgħid li barbri kienu dawk il-Maltin tal-kampanja jew ta' qrib ix-xatt li kienu tista' tgħid Feniċi. Ma ninsewx li f'Malta, dak iż-żmien, kien hemm xi kolonji Griegi.

49 Sciberras, *taħdita*.

50 Palunko, 37.

51 Pryor, 17.

52 Ara Muscat, N., 15, 16, kif jittratta l-possibbilitajiet kollha u jsemmi mill-Aħrax tal-Mellieħa sa Marsaxlokk.

53 Teuma, 109, jitkellem dwar in-nawfraġju u *ibid.*, 198 isejjaħ lil Selmunett bħala l-gżira ta' San Pawl.

54 Palunko, 45, 47.

55 Smith 140 *et seq*.

56 Bottalla, 228.

57 Trid tara Smith, 120, x'deskrizzjoni jagħti!

58 Għal idea dwar il-Mistra ara Abela, 235.

59 Għal iżjed tagħrif ara Muscat, N., *San Pawl*, 111 *et seq*. Atauz 28 et seq; ibid 67 tagħti xi ideat iżda mhux ta' piż kbir.

60 Caruana, A.A., *Monografia Critica Della Data e Del Luogo Del Naufragio Dell'Apostolo San Paolo Nell'Isola di Malta*, (Malta 1902), 22, 23.

61 Ta' min iżomm f'rasu kif insibu f'Muscat, N., 16, li San Pawl Milqi kien iżjed abitat mill-Mistra.

62 Ferris, 15.

63 Hajr lil Emmy Mifsud li ġentilment tani din l-informazzjoni. Ħasra li Mifsud għadu ma ppubblikax ir-riċerka tiegħu dwar in-nawfraġju ta' San Pawl. Abela u Abela Ciantar jagħtu l-Blata ta' Selmun bħala l-post tan-nawfraġju.

64 Atauz, 71. Palunko wkoll qal li ma jistax isemmi l-post eżatt fejn seħħ is-suppost nawfraġju f'Meleda!

65 Atauz, 294, nota 75. Formosa, 43 jagħti l-post eżatt fejn ħabat il-ġifen mal-art!

66 Pantera, 245.

67 Belloni, 71, *stanza* 64, *Canto* III.

68 Smith, 177, 178.

69 Ferris, 15.

70 Abela, 233, 234.

71 Tasso, Canto XV, ottava XVIII, vers 6 jgħid li Malta hi baxxa fl-ilma.

72 Bres, 383.

73 Bonanno, 199.

74 Bres. 391. Caruana, Frammenti, 255, 256 jisħaq fuq il-prova għax kieku niżlu Meleda l-eħfef mod li jaslu Ruma kien dak li jaqsmu dritt għan-naħa l-oħra tal-Adrijatiku fi triqthom lejn Ruma.

[75] Conti Gatto, 38.
[76] Omerod, H.A., *Piracy in the Ancient World*, (New York, 1987), 254.
[77] Bottalla, 240.
[78] Bres, 386.
[79] NLM 480, f.180.
[80] Saverien, A., *Dizionario Istorico, Teorico e Pratico di Marina*, (Venezja, 1769), 444, s.v. *Vaganti*.
[81] AOM 1771, f.147v.
[82] NLM 152, 676.
[83] National Archives Malta (imqassra: NAM) A LIBR 22, Ordini 247, 250.
[84] Azzopardi, J., u Pace, A., 59.
[85] Galbiati, 293.
[86] Ferris, 18; Faure, I, 188.
[87] Palunko, 55.
[88] Micallef de Caro, 79; Faure, I, 200.
[89] Caruana, Frammenti, 252.
[90] Farrugia, II, 2.
[91] Farrugia, II, 64.
[92] Farrugia, II, 1, 2, 3. Ara wkoll Ferris, 23. Fir-Rabat insibu qrib il-knisja ta' San Pawl irhama li tfakkar f'dak il-fenomenu, jiġifieri li leħen San Pawl instema' minn Għawdex.
[93] Farrugia, II, 6, 7.
[94] Conti Gatto, 34. Ara wkoll Micallef de Caro, 79 fejn isemmi li n-Naxxarin jiftaħru li kienu l-ewwel li tgħammdu. Hemm relazzjoni bejn Naxxar u Insara jew Nassara. Ara wkoll Farrugia Randon, R., Azzopardi, J. Calleja J., *St Paul His Life, The Shipwreck Tradition and Culture in Malta and Elsewhere*, (Malta 2000), 63 u Annibale, 538.
[95] Ferris, 21, juri li jiddispjaċih jara li l-Grotta ma kenitx iffrekwentata mill-Maltin ta' żmienu, voldieri fl-1877 meta kiteb l-opra tiegħu. Ara wkoll Annibale, 537 li jgħid li fi żmienu d-devozzjoni lejn il-Grotta kienet qed tonqos. Kien hemm żmien meta l-Grotta ta' San Pawl kienet magħrufa bħala Għar Barka jew il-Grotta tal-Benedizzjoni; ara Formosa, 56. Iżda ta' min ikun jaf li barra r-Rabat tinsab biċċa art jew zona illum fiha ħafna bini li tissejjaħ Għar Barka. Randon, 70, Farrugia, Carm, 23, jgħid li hemm tradizzjoni kostanti u antika tal-grotta.
[96] Caruana, A.A., Monografia Critica della Cattedrale Apostolica di Malta, (Malta, 1899), 10.
[97] Caruana, Monografia, 22. Kien hemm min qal li l-Katidral kien il-knisja qrib il-Grotta. Caruana, 7.
[98] Carrugia, Carm., 21.
[99] Caruana, A.A., *Monografia Critica della Cattedrale Apostolica di Malta*, (Malta, 1899), it-tieni edizjoni, 18, 19.
[100] Caruana, Monografia, it-tieni edizjoni, 15.
[101] Caruana, *S. Publio*, 17, 21; Formosa, 45, 46.
[102] Guglielmotti, A., *Storia della marina pontificia*, (Ruma, 1882), VII, 403.
[103] Caruana, *Monografia*, it-tieni edizjoni, 14, 18. Il-knisja tal-Lunzjata tal-Karmelitani inbniet fl-1370, il-kunvent ta' San Duminku fl-1466 u l-knisja fl-1472; San Franġisk fl-1370; Santu Wistin fl-1460, Ta' Ġieżu fl-1500.
[104] Atauz, 71 tgħid li ħadd ma ikkonverta u fl-ewwel tliet sekli ma nstabet l-ebda xhieda tar-reliġjon Nisranija. Wieħed iżomm f'rasu li mhemmx pass speċifiku li jsemmi li San Pawl ippritka lill-Maltin; Katalgu, 63.
[105] Bonanno, 199, 201. Jidher li l-Kristjanità ma nfirxitx mill-ewwel ma' Malta kollha. L-ewwel xhieda tmur lura lejn is-sena 313 A.D.; ara Azzopardi, J. u Pace, A. 83 *et seq*. Sciberras, *taħdita*.
[106] Sciberras, *taħdita*.
[107] Castagna, II, 39 l-awtur jgħid li ma tkissrux l-allat foloz kollha; mela 'xi' Maltin saru nsara.
[108] Ferris, 24.
[109] Palunko, 54.
[110] Belloni, 377, stanza 1, canto XV. Dwar il-Knisja primittiva f'Malta ara Mallia-Milanes, V., *Paul's Churches and Chapels on Malta and Gozo*, (Malta 2010), 90.
[111] Sciberras, taħdita.
[112] Caruana, S. Publio, 21; Abela, 56.
[113] Abela 239, 240. Għal tagħrif fit-tul dwar San Trofimu u Arles ara Conti Gatto, 80; ara wkoll Micallef de Caro, 76.
[114] Caruana, A.A., *Monografia Critica de Compagni Dell'Apostolo San Paolo*, (Malta, 1902), 6, 7, 8.
[115] Ferries, 34 *et seq* għal tagħrif fit-tul dwar San Trofimu.
[116] Caruana, *Monografia*, 1902, 19; Faure, I, 202, 212 jagħti tagħrif fit-tul; dwar San Trofimu. Il-festa ta' San Trofimu Isqof kienet issir fit-18 ta' Diċembru; ara Micallef de Caro, 94.
[117] Caruana, *Monografia*, 1902, 19.
[118] Faure, I, 187.
[119] Micallef de Caro, 93.
[120] Belloni, 143, *stanza* 6, *canto* VII.
[121] Farrugia, II, 6. Micallef de Caro, 78, 79 jikkwota lill-Kanonku Agius Sultana minn Għawdex, jgħid li missier Publiju kien jismu Alvinu. Vella, 167 *et seq* jagħti tagħrif fit-tul dwar Trofimu.
[122] Sciberras, *taħdita*.
[123] Ferris, 38; Bottalla, 243 *et seq* jagħti tagħrif fit-tul.
[124] Belloni, 371. Ara wkoll Annibale, 537.
[125] Micallef de Caro, 78.
[126] Fl-10 ta' Jannar 1693, is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti wara talba mill-Gran Mastru Adrian Wignacourt tat il-fakultà għall-kleru sekulari u regulari għar-reċita tal-offiċċjatura tal-wasla ta' San Pawl f'Malta.
[127] Mercieca, S., fi *The Times*, Monday, April, 19, 2010, 12.
[128] Farrugia, Carm, 20.
[129] Caruana, *Monografia*, 1902, 23, 24. Vella, V., San Paul (Malta 1902), 183 jgħid li l-għada tal-Imnarja ssir it-tifkira tal-Martirju ta' San Pawl u din tiġi iċċelebrata b'sollenità kbira, l-aktar minn ftit taż-żmien 'l hawn fil-Parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat tal-Imdina.
[130] Ferris, 13.
[131] Martindale, 193, nota 11.
[132] Azzopardi, J., u Pace, A., 63.
[133] Ciuti, P., *San Paolo* (Malta, 1912), 45. Ara Randon, 26 għal wirt Pawlin f'Malta.
[134] Freller, 15.
[135] Mallia-Milanes, 19 jagħti importanza lit-tradizzjoni.
[136] Belloni, 335, *stanza* 31, *canto* XV.
[137] Ciuti, 50-52.
[138] Faure, I, 186 jgħid kategoralment li f'Meleda ma tara l-ebda tifkira ta' San Pawl.
[139] Mallia-Milanes, *passim*. Ara wkoll Randon *et seq* li jsemmi għadd kbir ta' niċeċ, statwi, knejjes u kappelli iddedikati lil San Pawl. Ara wkoll Vella, 181, 182.
[140] Palunko, 55-58.
[141] Teuma, 146, 175.
[142] Teuma, 194.
[143] Ferris, 16. Araw wkoll Teuma, 15-18, fejn isemmi l-postijiet kollha li jfakkru fin-nawfraġju ta' San Pawl.
[144] San Luqa pinġa żewġ kwadri tal-Madonna wieħed tal-Mellieħa u l-ieħor dak li qiegħed fil-Kappella tas-Sagrament fil-Katidral tal-Imdina. Insibu kwadru ieħor miżmum li sar minn San Luqa u jinsab fil-Knisja tal-Griegi fil-Belt li ġabu magħhom il-kavallieri minn Rodi fl-1530. Ferris, 33. Annibale, 538.
[145] Bres, 393.
[146] Bonanno, 273; Muscat, N., 118; ara wkoll Teuma, 87, 173 u Muscat, N., 16.
[147] Ferris, 19, Ara wkoll Teuma, 92 et seq; ara wkoll Bible et Terre Sainte, no. 89, 13.
[148] Micallef de Caro, 91. Dwar in-niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja fir-Rabat ara Vella, 179. Ara wkoll Farrugia, Carm, 19.